QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI .

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 16 TA' MEJJU , 2002

APPELL NRU. 42/2000 JGD

IL-PULIZIJA.

(SPETTUR NEIL HARRISON)

VS.

HEINRICH (KARL HEINRICH) SIVE
KARL MUSCAT.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 t'Ottubru, 1997 , talli f'dawn il-Gzejjer , fit-30 ta' Settembru, 1997 u fl-ahhar tlitt xhur qabel din id-data :-

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina , specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i , jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni id-droga imsemmija , minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern , skond id-dispozizzjoni tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina , specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija , u ma kienx b'xi mod iehor , bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga , u naqas li jipprova li id-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dana bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar l-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

c) talli ukoll sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju, 1993.

bit-talba lil Qorti li barra milli tapplika l-piena skond il-ligi , tordna lill-imputat appellant sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2000 li biha wara li sabet lill-akkuzat appellant hati skond l-akkuzi (a) u (b) u wara li rat l-art. 17 tal-Kap.9 u r-regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/39 u l-artikoli 22(2)(b) (I) u 29 tal-Kap.101 , ikkundannatu ghall-piena

ta' prigunerija ghal zmien erba (4) snin minn liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam mizmum taht arrest in konnessjoni ma dan il-kaz u multa ta' erba mitt lira Maltin (LM400) pagabbli f zmien xahar . Inoltre ordnatlu sabiex fi zmien xahar ihallas is-somma ta' disa u ghoxrin lira Maltin (LM29) spejjez tad-dokument MM1 skond l-artikolu 533 Kap.9 u ma sabitux hati tal-akkuza (Sic!) (c) u illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fit-3 ta' Marzu, 2000 , fejn talab illi din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonferma il-parti fejn illiberatu u tirrevoka dwar it-traffikar u minnflok issibu hati ta' pussses tad-droga imsemmija u tinfliggi l-piena li taghmel ghall-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli hu kien qajjem bhala kwistjoni kostituzzjonali il-fatt li waqt li kien arrestat ittiehed quddiem Magistrat biex jixhed bi vjolazzjoni tal-art. 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ; li id-depozizzjoni mehuda ma jistax jinghid li hija xiehda volontarja u ghalhekk ghandha tigi sfilzata ; li l-appellant kellu jinstab hati ta' pussess tad-droga u mhux ta' traffikar u li il-piena imposta mill-ewwel Qorti kienet gravuza kemm minhabba l-istat tas-sahha tieghu u anki ghar-ragunijiet li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni.

Rat l-atti kollha processwali u d-dokumenti esebiti ;

Rat il-verbal registrat mill-Avukat Difensur tal-appellant quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2001 , fejn iddikjara li hu kien utilizza il-metodu alternattiv ghar-rimedju kostituzzjonali u ghalhekk bil-jus superveniens m'hux mehtieg li l-Qorti tipprovdi jekk il-kwistjoni hux frivola u vessatorja , u kien qed izomm ferm il-mertu tar-rikors u ma jinsistix ghall-provvediment .

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta ' Marzu, 2002 , li bih id-difensur tal-appellant iddikjara li mill-ahhar differiment 'l hawn il-kawza kostituzzjonali li intavola l-appellant giet deciza u ghaddiet in gudikat kontra l-appellant .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni bi ftehim mad-difiza u n-nota tal-Avukat Generali tat-22 t'April, 2002 dwar il-piena applikabbli ghad-diversi reati u addebiti ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur ;

Ikkunsidrat ,

Illi l-ewwel aggravju dwar il-fatt li l-appellant gie imgieghel jixhed quddiem il-Magistrat , issa li , skond l-informazzjoni moghtija mid-difensur tal-appellant, il-kawza kostituzzjonali giet deciza kontra l-appellant odjern , dan huwa sorvolat in kwantu tqajjem bhala kwistjoni kostituzzjonali . Pero' fir-rikors tal-appell minn dan il-fatt l-appellant jadduci li ix-xiehda li ta quddiem il-Magistrat ma kienetx wahda volontarja u ergo ghandha tigi sfilzata .

Illi meta jitkellem dwar il-konfessjoni , l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) jiddisponi li kull haga li l-imputat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid, jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi . Fil-kaz in ezami l-appellant qatt ma ressaq xi prova biex juri li din l-istqarrija ma saritx volontarjament quddiem il-Magistrat Inkwirenti jew biex juri li kellu xi theddid . jew biza jew li ittiehdet b'weghdiet jew twebbil ta' vantagg . Fl-assenza ta' din il-prova da parti tal-appellant , din il-Qorti ma tistax tassumi li din id-depozizzjoni guramentata quddiem il-Magistrat kienet mhux volontarja jew vizzjata u din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju sprovvist ghal kollox mill-icken accenn ta'prova in sostenn tieghu . Hi ghandha taqa' fuq il-massimu legali applikabbli ghall-proceduri gudizzjarji ta' "omnia presumitur rite esse acta" fino a prova contraria u li dak li sar mill-Magistrat Inkwirenti sar sew u kif titlob il-ligi. Ghalhekk dil-Qorti ma tistax tilqa dan l-aggravju u tisfilza l-imsemmija depozizzjoni ghax skond il-ligi

hija ammissibbli bhala prova kontra l-appellant .

Illi konsidrati kemm l-istqarrija moghtija quddiem il-Pulizija mill-appellant (Dok. NH2 a fol. 18 u 19 tal-process) u ix-xiehda moghtija quddiem il-Magistrat (Dok. D a fols. 28 sa 36 tal-process) u l-fatti minnhom rizultanti, l-ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tikkonkludi li l-agir tal-appellant kien mhux biss jikkonfigura fih ir-reat tal-pussess tad-droga imma anki dak tal-ipprokurar li gie akkuzat bih taht l-ewwel akkuza . Frazijiet bhal : “”Jien kont imbiegh il-koke cioe’ il-kokajina . Kull gramma kont imbieghha erbghin lira Maltin (LM40). Jien ili imbiegh madwar xahar u nofs , xaharejn .“ u “Is-sistemna kienet tahdem billi l-klienti jcemplu lil Charlie Spiteri , iz-ziju tieghi u hu kien jibghatni bid-droga ghall-klienti.“! “Meta kienu icemplu lili u jien kont ingib id-droga minnghand iz-ziju , kont naghmel hames liri (Lm5)qliegh ghal kull klient . Minnghand iz-ziju gieli hadt ammont ta’ sitt grammi u kont nahdimhom jien.“ u “Pakkett ta’ gramma l-wiehed li kont imbieghom erbghin lira Maltin (LM40)” u dettalji ohrajn ma jhallu ebda dubju f’mohh il-gudikant . Umbaghad dawn il-fatti huma ukoll ammessi fl-istqarrija li l-appellant irilaxxja lill-Pulizija u li ukoll b’ebda mod ma giet inficjata . Certament li tenut kont ta’ dawn il-fatti mistqarra mill-appellant stess , ma jistax jinghid li id-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet “unsafe and unsatisfactory” anzi din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti setghet tasal ghal xi konkluzzjoni differenti .

Ghalhekk l-appel dwar il-htija jidher ghal kollox infondat u mhux qed jigi milqugh .

Illi dwar il-piena, din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sakemm din tkun entro il-parametri dettati mill-ligi ghall-htija riskontrata u sakemm il-piena inflitta ma tkunx wahda sproporzjonata ghall-kaz partikolari . Ma hemmx dubju li f’dal-kaz il-piena karcerarja inflitta taqa’ entro il-parametri dettati mill-ligi ghar-reati dedotti li tahthom instabet htija. l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti kollha mitiganti favur l-appellant u semmiethom fis-sentenza appellata ,inkluza l-applikazzjoni tal-art. 29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta favur l-appellant , li tista’ twassal biex il-piena dwar prigunerija tonqos bi grad wiehed jew tnejn , pero’ xorta wahda hasset li kellha tapplika il-piena karcerarja ta’erba snin .

Illi din il-Qorti thoss pero’ li kellu jinghata aktar piz lid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni verbalizzata quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-11 ta’ Frar, 2000 , fejn intqal li fil-fehma tal-Prosekuzzjoni , stante l-ghajnuna moghtija mill-imputat lill-Pulizija , dana kellu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 fuq imsemmi u din ix-xewqa tal-prosekuzzjoni kellha tkun riflessa f‘piena karcerarja inqas minn dik applikata mill-ewwel Qorti . Tenut kont ta‘ dan u anki biex jinzamm proporzjon ma sentenzi ohra tal-ewwel Qorti fejn tali kooperazzjoni da parti tal-imputat ma tkunx tirrizulta, din il-Qorti thoss li il-piena karcerarja fil-kaz in ezami kellha tkun inqas minn dik inflitta u ghalhekk qed tirriduci l-istess ghal wahda ta‘ tlitt snin prigunerija , b‘dana li il-piena pekunjarja ghandha tibqa‘ l-istess, izda pero’ qed ukoll tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh limitatament ghall-dak li jirrigwarda il-piena karcerarja billi din il-Qorti qed tirriforma is-sentenza appellata billi tirriduci il-piena karcerarja minn erba snin ghal tlitt snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma dal-kaz , fil-waqt li tikkonferma il-kumplament tas-sentenza appellata fl-intierezza taghha u tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita a kura tar-Registratur.

(ft) J.G. Galea Debono.
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
16.5.02.